Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 23 ta' Gunju 2025**

**Distrett Valletta**

**Kawża Numru 1921/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spt Elisia Scicluna**
**Spt Shamus Woods)**

**Versus**

**Serhii Zubrik**
**(376753A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Serhii Zubrik**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 376753A

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Jannar 2023 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) fi Triq ir-Repubblika, Belt Valletta u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu; Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bezaq xi sustanza jew nehha mahta minn imniehru jew halla jew iddepozita exkreta materjali tal-bniedem (awrina), inkluz vomtu, jew halla jew iddepozita xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku; Legislazzjoni Sussidjarja 549.90 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija; Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il- kwiet tal-pubbliku; Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli nhar is-16 ta' Frar 2023 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) gewwa 'Jobs Plus', li jinsab fi Triq San Publju, Floriana u f' dawn il- Gzejjer :

5. Hebb kontra Natalia Huts, Hryhorii Huts, Tetiana Soloviova u Viktoriia Dmyshuk u /jew xi persuni ohra sabiex jingurjahhom, idejjaqhom jew jaghmillhom l-hsara; Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli insulenta, hedded bil-mewt jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Natalia Huts, Hryhorii Huts, Tetiana Soloviova u Viktoriia Dmyshuk u/jew xi persuni ohra; Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U kif ukoll talli bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Natalia Huts, Hryhorii Huts, Tetiana Soloviova u Viktoriia Dmyshuk u/jew xi persuni ohra il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti u ahwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkaguna biza'; Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli nhar it-18 ta' Frar 2023 ghall-habta ta' nofsinhar (12:00hrs) gewwa l-Hamrun u f'dawn il-Gzejjer:

8. Hebb kontra Tetiana Kasinova u/jew xi persuni ohra sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara; Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli insulenta, hedded bil-mewt jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Tetiana Kasinova u/jew xi persuni ohra; Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U kif ukoll talli bl- imgieba tieghu, ikkaguna lil Tetiana Kasinova u/jew xi persuni ohra, il-biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti u ahwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkaguna biza'; Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. U aktar talli uza apparat ta' komunikazzjoni b'mod mhux kif imiss, kif ukoll ghamel uzu mhux xieraq bih; Artikoli 48(1)(d) u 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar it-23 ta' Frar 2023 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11:00hrs) gewwa Triq il-Lunzjata, Sliema u f'dawn il-Gzejjer:

12. Hebb kontra Khrystyna Nalivko, Liliya Kigel, Yuliia Bubnova, Volodymyr Kondrashov, Viktoriia Slesarenko u Oksana Netepliuk u/jew xi persuni ohra sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara; Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. U aktar talli insulenta, hedded bil-mewt jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Khrystyna Nalivko, Liliya Kigel, Yuliia Bubnova, Volodymyr Kondrashov, Viktoriia Slesarenko u Oksana Netepliuk u/jew xi persuni ohra; Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. U kif ukoll talli bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Khrystyna Nalivko, Liliya Kigel, Yuliia Bubnova, Volodymyr Kondrashov, Viktoriia Slesarenko u Oksana Netepliuk u/jew xi persuni ohra, il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti u ahwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkaguna biza'; Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar it-23 ta' Frar 2023 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs) gewwa l-Bus Terminus, Floriana u f' dawn il-Gzejjer :

15. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu; Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

16. Kif ukoll talli volontarjament kiseri l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar is-16 ta' Marzu 2023 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11:00hrs) gewwa Triq il-Fosos, Floriana u f'dawn il-Gzejjer :

17. Hebb kontra Viktoriia Korobko u Svitlana Akymova u/jew xi persuni ohra sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara ; Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

18. U aktar talli insulenta, hedded bil-mewt jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Viktoriia Korobko u Svitlana Akymova u/jew xi persuni ohra; Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

19. U kif ukoll talli bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Viktoriia Korobko u Svitlana Akymova u/jew xi persuni ohra, il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew

kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti u ahwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkaguna biza'; Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Natalia Huts, Hryhorii Huts, Tetiana Soloviova u Viktoriia Dmyshuk, Tetiana Kasinova, Khrystyna Nalivko, Liliya Kigel, Yuliia Bubnova, Volodymyr Kondrashov, Viktoriia Slesarenko u Oksana Netepliuk, Viktoriia Korobko, Svitlana Akymova jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi PC 1013 Grazio Borg u PC 1493 fl-affidavit taghhom qalu, li fit-23 ta' Frar 2023 wara telefonata fil-15.50hrs, kienu marru fuq il-post, il-Belt flimkien fejn sabu lil Serhii Zubrik li kien fi stat ta' sokor u PC 1493 talbu jipprovdi d-dokumenti tieghu, izda baqa' jixrob il-birra u njorahom. B'hekk kien gie arrestat u fit-tfittxija nstabu d-dokumenti tieghu u b'hekk gie identifikat. L-imputat kellu wkoll tmien fliexken tal-birra.

Illi PS 1470 Joseph Mallia qal illi fis-16 ta' Marzu 2023, f'xi l-10.30am kienu ircevew telefonata minghand PC 1134 li kellu bzonn l-assistenza fl-Istitut Kattoliku tal-Floriana ghax kien hemm argument, fejn sabu li Svitlana Akimova u Viktoriia Korobko fejn qalulhom li hassewhom mhedda u nsultati minn Sehii Zubrik li kien ilu mill-20 ta' Frar 2023, sa dakinhar jheddidhom li ried joqtolhom fil-klassi.

Illi fit-30 ta' Marzu 2023, xehdet Tatiana Katinova illi qalet li kienet ghamlet affidavit l-ghassa tal-Hamrun dwar dak li kienet rat fir-rigward ta' Serhii Zubrik, li gharfet fl-awla, f'Marzu 2023 gewwa c-centru tal-

*Humanitarian Aid* fil-Belt. Serhii kien mar hemm biex jiehu l-ghajnuna, izda ried jaqbez il-*queue*, u meta n-nies bdew igergru, beda jghajjat u jissuppervja u jheddidhom illi jekk mhux ser ihalluh jaqbizhom kien ser isibhom barra, waqt illi kien qieghed jixrob il-birra. Lin-nisa Ukreni beda jghidilhom li messhom kienu fil-gwerra. Kien hemm incident iehor meta kienet fic-centru umanitarju ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, fejn waqt illi kienu qeghdin jassistu lin-nies, Serhii kien mar u nehha l-bandiera tal-Ukraina li kienet mdendla mat-tieqa u tefaghha fil-basket. Ix-xhud kompliet tghid li hi kienet irceviet erba' messaggi fuq il-*mobile* taghha fejn l-imputat beda jheddidha u lin-nisa Ukreni li kien ser joqtolhom b'daqqa tas-sikkina, u hi wegbitu li jekk hu daqshekk bravu messu jmur jiffaccjaha.

Illi fl-24 t'April 2023 xehdet Khrystyna Nalivko fejn qalet li l-imputat Serhii Zubrik, li gharfet fl-awla, kien mar ic-Centru ta' ghajnuna Umanitarja ghal Ukraina li qieghed vicin il-knisja ta' Stella Maris tas-Sliema fit-23 ta' Frar 2023, fejn kien jidher fis-sakra ghax kien qed jixrob il-birra u kellu riha tax-xorb u kien gibed il-bandiera, u beda jghajjat '*Putin go ahead*'. Kien hemm mara Maltija li gabet xi donazzjoni lic-centru, u x-xhud ratu jitfa' l-ikel fuq in-nies u jghid illi l-ikel kien mir-Russja ghall-Ukraina u din il-mara ma setghatx tidhol, ghax Serhii kien aggressiv maghha u beda jhabbat mal-bieb.  L-imputat beda jghajjat '*Ukrainian prostitutes get out*' u li l-Ukreni kollha ghandhom jinqatlu, u fil-fatt hi bezghat ghax fir-*recording* fuq it-telefon taghha jghid li jrid joqtol l-Ukraini kollha li hemm fl-Ewropa.

Illi gie pprezentat affidavit addizzjonali ta' PC 897 D. Gauci immarkat Dok AMG1, fejn jinghad illi fit-23 ta' Frar 2023 ghal habta tal-15.50hrs kienu marru jirrapportaw l-ghassa tas-Sliema Natalia Huts u Hryhorii Huts li fis-16 ta' Frar 2023, waqt illi kienu f'lezzjoni tal-Ingliz gewwa Jobsplus Floriana, Serhii Zubrik beda jinsulenthom bil-lingwa Russa bil-kliem *"I fucking hate you all"* u *"I fucking hate this Ukranian language"*. Is-sinjuri Huts ippruvaw jikkalmawh. Illi wkoll fit-23 ta' Frar 2023 ghal habta tal-16.10hrs kienu marru l-ghassa Tetiana Soloviova u Viktoriia Dmyshuk biex jaghmlu rapport li fis-16 ta' Frar 2023 ghal habta tas-18.00hrs Serhii Zubrik kien jinsab fi stat ta' sakra waqt lezzjoni tal-Ingliz u li kien aggressiv lejn l-persuni Ukreni.

Illi fid-9 ta' Mejju 2024 xehdet Svitlana Akymova fejn qalet illi fis-16 ta' Marzu 2023 f'xi l-10.30am, waqt illi kienet qieghda tattendi ghal-kors bl-

Ingliz gewwa l-Istitut Kattoliku Floriana, raw zewg Ufficjali tal-Pulizija li bdew ifittxu lil Serhii Zubrik, li gharfet fl-awla, u kif huma ppuntaw lejh, beda joffendihom li huma qhab u li ser joqtolhom kollha u jekk ser jigi arrestat kif jigi rilaxatt kienu ser imutu. Hi kienet tafu ghax kien qieghed jattendi l-kors maghhom. Hi kienet marret l-ghassa mal-habiba taghha Viktoriia Korobko.

Illi fis-16 ta' Mejju 2023 xehdet Tatiana Soloviova fejn qalet li kienet ghamlet rapport kontra Serhii Zubrik li gharfet fl-awla, li kien jattendi l-kors tal-Ingliz tal-Jobsplus fi Floriana maghha, u f'xi gurnata fi Frar 2023 ghal-habta tal-10.00am beda jhedded lil grupp li kienu Ukreni, illi huma qhab mhux civilizzati, u li mhux suppost ikunu hajjin u li hu kien ser joqtolhom kollha. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputat gab ruhu b'mod aggressiv u beda jtajjar in-*notebooks* 'l hemm u 'l hawn, u f'daqqa wahda telaq 'il barra. Meta intqal il-kliem li mhux suppost ikunu hajjin hi kienet hassitha mhedda ghax dan il-kliem kien indirizzat lejha u lejn ic-cittadini kollha tal-Ukraina, u f'dak il-hin kienu xi ghaxra min-nies fil-klassi li kienu mill-Ukraina.

Illi fit-13 ta' Novembru 2023 xehdet Dr. Claire Axiak fejn ipprezentat ir-relazzjoni taghha immarkata Dok CA1. Hi kienet rat lill-imputat fit-12 ta' Awissu 2023 gewwa l-facilita' tal-*Forensic Unit* gewwa *Mount Carmel hospital* fejn qalet li l-imputat kien taht *treatment order* u taht il-kura ta' Dr. Joseph Spiteri, u li l-imputat kien qieghed ibati minn mania u psikozi. Hu beda jitkellem jghaggel imma ma kienx psikotiku meta ratu hi, u ikkonkludiet li kien qieghed jifhem x'kien ghaddej, u ghalhekk kien *'fit to plead'*. Hi kienet tkellmet ricenti ma' Dr. Saliba li kien qalilha li l-imputat kien hafna ahjar.

Illi fl-20 ta' Novembru 2023 xehed Dr. Joseph Saliba, fejn qal li kien ra lill-imputat l-ewwel darba f'Mejju 2023, u li dan kien dahal il-*forensic unit* hames darbiet, ghax ma riedx joqghod il-*forensic unit* u kienu jibghatuh, u l-ghada kienu jergghu jibghatuh lura, ghax kien ibati minn *'manic depressive disorder'*. Ix-xhud qal li hu baqa' jsegwieh Korradino. Dr Saliba spjega illi kien hemm problemi mill-aspett dijagnostiku kemm minhabba l-lingwa ghax ma kellhomx interpreti, u kienu juzaw *nurses* jew prigunieri ohra sabiex jikkomunikaw, u ma setghux ikunu certi jekk li kellu kienx mard mentali, jew il-karattru tieghu, jew frustrazzjoni li ma setax jikkomunika. Hu kien cajtier izda *'in denial'* ghax kien jghidlu *'not crazy'*, u kien ibati minn *bipolar disorder* u kellu bzonn il-kura, ghalkemm gieli

kien jirrifjuta l-kura, u kienu ppruvaw jnaqqsulu l-medicina izda rega' rkada. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kellu bzonn il-kura u kien qieghed jobdieh u jiehu l-kura, izda jekk jsib ruhu barra irid jkun taht xi *probation order with a condition of treatment*. Fl-opinjoni tieghu kien *'fit to plead'* ghalkemm kien hemm problema ta' kommunikazzjoni minhabba fin-nuqqas ta' interpreti fil-habs. Illi fit-8 ta' Jannar 2024 rega' xehed Dr. Joseph Saliba, fejn ikkonferma illi l-imputat kien *'fit to plead'* u li fehem l-akkuzi li nhargu fil-konfront tieghu. L-imputat kellu problema ta' dipendenza tax-xorb kif ukoll *'bipolar disorder'* li ghaliha ghandu bzonn jiehu tlett tipi ta' medicina u bhalissa kien sejjer tajjeb hafna b'din il-kura.

Illi fil-5 ta' Frar 2024 xehdet Viktoriia Dmyshuk fejn qalet illi hi kienet qieghda tattendi klassijiet fil-Belt ghalkemm ma tafx x'jisimha t-triq u kien jattendi ukoll Serhii li gharfet fl-awla bhala l-imputat. Serhii kien spiss jinsulenta lill-Ukreni, u fuq *social media* Telegram ghamel ghal xi tlett gimghat minn Jannar 2023 sakemm ghamlet ir-rapport, ipoggi kummenti u *videos* li kienet uriet lill-Pulizija minn fuq il-*mobile* taghha, fejn jinsulenta lill-Ukreni. Hi hassitha li dawn il-*posts* kienu theddida personali, u fil-fatt kienet marret taghmel rapport mall-habiba taghha Tatiana Kasinova, li wkoll hassitha mhedda. Serhii kien jidhol fil-klassi fis-sakra u jghidilhom biex ma jitkellmux bil-lingwa Ukrena ghax hija l-lingwa tal-annimali, izda l-aktar li hassitha mhedda kien bil-*posts* tas-*social media* ghax kien jghid illi l-Ukreni kollha jmisshom jmutu.

Illi fl-20 ta' Marzu 2024 xehdet Natalya Huts, fejn qalet li ma tiftakarx ix-xahar li gara l-incident, izda xi sena qabel kienet qieghda tattendi ghal lezzjonijiet ta' l-Ingliz ma' Jobsplus filghodu, il-Floriana, u Serhii Zubrik li gharfet fl-awla, kien agitat, beda jidghi u jkun pastaz u kien aggressiv u deher fis-sakra. Id-dagha kien indirizzat lejn l-Ukreni kollha li kien hemm fil-klassi, fejn l-imputat beda jghid li jobghod lill-Ukreni u l-lingwa Ukrena, imma ma tiftakarx il-kliem ezatt. Hi hassitha mbezza' u skomda bil-kliem li ntqal ghax bit-theddid hasbet li seta' jweggaha. Indunat li l-imputat kien fis-sakra, ghax ma kienx stabbli, ghajnejh bdew iduru u kellu riha qawwija ta' alkohol. Huma kienu xi hmistax-il ruh u ma talbux ghall-ghajnuna mill-Pulizija ghax ma jikkomunikawx sew bil-lingwa Ingliza. Ix-xhud kompliet tghid li wara ftit irnexxielhom ikeccuh mill-klassi u komplew bil-lezzjoni tal-Ingliz.

Illi fit-23 ta'April 2024 xehed Hryhorii Huts fejn qal li xi sena u nofs qabel, fi Frar 2023, kienu jitghallmu l-Ingliz mal-Jobsplus, u waqt dawn il-

klassijiet l-imputat li gharaf fl-awla, kien idejjaq lin-nies fil-klassi ghax kien jghajjat biex jitkellem u jinsulta lin-nies verbalment, ghalkemm ma jiftakarx il-kliem li ntuza' u lanqas ma jiftakar id-data. Huma kienu jattendu ghal-lezzjonijiet nhar ta' Tnejn, Tlieta u Hamis mid-9.00am sas-1.00pm. Ix-xhud kompla jghid li jaf illi l-imputat kien idejjaq lil martu Nathalia ukoll, izda ma jafx fuq hadd iehor.

Illi xehdet l-iSpettur Elisia Scicluna li pprezentat *pen drive* b'*recordings* li gie immarkat Dok ESY1, li huma relatati max-xhieda ta' Khrystyna Nalivko in konnessjoni mar-rapport 2 POL 1137 ta' 2023. Fid-29 ta' Mejju 2025 l-iSpettur Elisia Scicluna xehdet illi t-traskrizzjoni ma setghatx issir ghax ir-*recording* ma giex jinstema' fil-*pen drive*. Kienet ukoll marret darbtejn fl-indirizz ta' Gareth Bartolo li kien xhud fuq rapport li sar kontra Serhii Zubrik izda ma sabuhx.

Illi fl-affidavit tieghu l-iSpettur Shamus Woods qal illi, fit-23 ta' Frar 2023 ghal habta tal-16.20hrs irrikorriet gewwa l-ghassa ta' tas-Sliema Oksana Netepliuk fejn irrapportat li aktar kmieni dakinhar kien avvicinaha Serhii Zubrik ta' Nazzjonalita' Ukrena li kellu l-birra f'idu u fi stat ta' sokor u kien qabad u dahal fil-fond f'tas-Sliema, li kien jintuza bhala centru ghal Ukraina fejn kienu qeghdin jaghmlu gabra ghall-karita'. Serhii kien hataf bandiera Ukrena u beda jghajjat li jobghod l-Ukraina u ried joqtol in-nies mill-Ukraina. Kien nizzel is-*shorts* li kellu u wera l-parti tieghu, u qalilha biex thares lejh. Kien hemm prezenti diversi nies. Ix-xhud qal li gie innutat li kien hemm diversi rapporti kontra Serhii Zubrik f'diversi distretti rigward insulti u theddid fuq persuni mill-Ukraina u s-sitwazzjoni saret preokkupanti ghax kienet qieghda tohloq biza' fil-komunita' Ukrena f'Malta. Kienu hadu l-istqarrija tal-imputat li kien ghazel li ma jkunx assistit minn Avukat fejn qal illi hu kien refugjat u kien jirrisjedi fic-centru miftuh gewwa Birzebbugia. Hu stqarr illi kellu l-vizzju tax-xorb u qal illi l-Ukreni kienu jhedduh u jghidulu biex imur lura l-Ukraina, u meta gie mistoqsi ghalfejn qatta' l-bandiera, hu qal illi kien mar biex jaghtuh l-ikel izda tawh kontenitur zghir u ghalqulu l-bieb f'wiccu.

**Ikkunsidrat**

Illi rigward l-akkuzi minn **numru wiehed (1) sa numru erbgha (4)** li sehhew **fit-28 ta' Jannar 2023, il-Qorti ser tastjeni** milli tiehu konjizzjoni taghhom stante li diga' gew trattati fil-kawza **'Pulizija vs Serhii Zubrik bin-numru 3936/23'**

Illi rigward l-akkuzi minn **numru hmistax (15) sa numru sittax (16)** li sehhew **fit-23 ta' Frar 2023, ghal habta ta' 1600hrs, il-Qorti ser tastjeni** milli tiehu konjizzjoni taghhom stante li diga' gew trattati fil-kawza **'Pulizija vs Serhii Zubrik bin-numru 7928/23'**

**Ikkunsidrat**

Illi rigward l-akkuzi minn **numru hamsa (5) sa numru sebgha (7)** li sehhew **fis-16 ta' Frar 2023 ghal habta tal-1000hrs,** wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, jirrizulta illi l-ebda wiehed mix-xhieda ma seta' jikkonferma d-data ta' l-incident ghalkemm il-fatti u l-post gew ikkonfermati, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat **ma gewx ippruvati** sal-grad rikjest mil-Ligi.

Illi rigward l-akkuzi minn **numru tmienja (8) sa numru hdax (11)** li sehhew **fit-18 ta' Frar 2023 ghal habta ta' 1200hrs,** wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, jirrizulta illi x-xhud Tetiana Kasinova ma setghatx tikkonferma d-data ta' l-incident ghalkemm il-fatti gew ikkonfermati, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat **ma gewx ppruvati** sal-grad rikjest mil-Ligi.

Illi rigward l-akkuzi minn **numru tnax (12) sa numru erbatax (14)** li sehhew **fit-23 ta' Frar 2023, ghal habta tal-11.00hrs** wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, specjalment ix-xhieda ta' Khrystyna Nalivko u l-Affidavit ta' l-iSpettur Shamus Woods, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat **gew ippruvati** sal-grad rikjest mil-Ligi.

Illi rigward l-akkuzi minn **numru sbatax (17) sa numru dsatax (19)** li sehhew **fis-16 ta' Marzu 2023, ghal habta tal-11.00hrs** wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, specjalment ix-xhieda ta' Svitlana Akymova, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat **gew ippruvati** sal-grad rikjest mil-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, qed tastjeni li tiehu konjizzjoni tal-akkuzi bin-numru **wiehed (1), tnejn (2), tliet (3), erbgha (4), hmistax (15) u sittax (16)**, tillibera lill-imputat mill-akkuzi numru **hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8), disgha' (9), ghaxra (10) u hdax (11),** u wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 251B u 339 (1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed **issib lill-imputat Serhii Zubrik hati ta' l-akkuzi bin-numru tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), sbatax (17), tmintax (18) u dsatax (19) u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija effettiva.**

**In oltre ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** din il-Qorti qeda torbot lill-imputat **Serhii Zubrick** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* Viktoriia Korobko, Svitlana Akymova, Khrystyna Nalivko u Oksana Netepliuk.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat